# " C A V A L L E R I A   R U S T I C A N A ".

T A'

GIOVANNI VERGA.

Maqluba Ghal Malti
minn
CHARLES ATTARD.

^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^

KARATTRI:

TURIDDU MACCA . . . . . . . . . . . .
ALFIO di Licodiano . . . . . . . . . . . .
LOLA, il-mara tighu . . . . . . . . . . . .
SANTUZZA . . . . . . . . . . . .
NUNZIA, omm Turiddu . . . . . . . . . . . .
Ziju BRASI? Stallier. . . . . . . . . . . . .
CAMILLA, l-mara tighu . . . . . . . . . . . .
Zija FILOMENA . . . . . . . . . . . .
PIPPUZZA . . . . . . . . . . . .

^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^

"CAVALLERIA RUSTICANA" giet ipprezentata ghall-ewwel darba f'Torin mill-Kumpanija mmexxija minn Cesare Rossi, nhar l-14 ta' Jannar, 1884. Interpreti principali kienu: Eleonora Duse, Flavio Andò, Cesare Rossi u Tebaldo Checchi.

^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^

^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^

^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^

^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^

^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^

^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^

^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^ ^

^ ^ ^ ^ ^ ^ ^

M A L T A

1 9 5 7.

Il-pjazzetta tar-rahal. Fil-fond, fuq ix-xellug, triq bis-sigar li taghti ghal-knisja u hajt ta' gnien li jaghlaq il-pjazzetta. Fuq il-lemin, passagg bejn is-sigar li jibqa' sejjer ghal go l-eghlieqi Fl-ewwel pjan, fuq il-lemin, id-dverna ta' Nunzja. Xi faxxini jidhru mdendla mal-bieb; bank, b'xi bajd, hobs u haxix fuqu u fuq in-naha l-ohra, bank imdendel mal-hajt. Id-dverna tidher li qegheda kantuniera mat-triq li taghti ghal villagg. Fil-kantuniera l-ohra tidher l-ghassa tal-Pulizija, b'zewg sulari. Fuq il-bieb, tidher l-arma tal-Karabinieri. Aktar il-gewwa, ir-remissa taz-ziju Brasi. Fuq ir-remissa tidher tinda. Fl-ewwel pjan fuq ix-xellug, jidher terrazzin, imdawwar bil-haxix u ftit il-fuq, id-dwejra taz-zija Filomena.

## I. Xena.

Ziju Brasi jaqsam ix-xena minn fuq ix-xellug, b'qatta tiben taht spaltu u imur iqegheda taht it-tinda. Camilla tidher fuq it-terrazzin titwi xi hwejjeg. Xi nisa jidhru sejrin lejn il-Knisja. Rahhal jidher bilqegheda taht it-tinda tar-remissa, b'ilhitu ~~taktx~~ fuq il-pali ta'idejh, jghanni b'lehen baxx. Il-qampiena iddoqq ghal quddies. Zija Filomena tohrog mid-dwejra ta' Nunzia, b'xi oggetti ta' l-ikel fil-fardal.

Camilla : Infaqnihom, il-lum, zija Filomena?

Filomena : Iva! Il-lum il-Ghid, ghal grazzja t'Alla.

(Tidhol id-dar)

Camilla : (Lil Santuzza li tasal kollha agitata mill-ewwel moghodija ta' fuq ix-xellug. Wicca jidher mghotti b'maktur li ghandha fuq rasha.)

Oh!... Il-habiba tighi Santuzza... Jaqaw sejra tqerr?

(Santuzza thares lejha bl-ikreh u bla ma twigiba, tibqa' sejra.)

Brasi : (Lil Camilla, mill-bieb tar-remissa) Idhol il-gewwa u ilhaq ghasthek, ja pacpaca!...

(Camilla, wara li tmejjel rasha u tgholli spallejha tidhol il-gewwa) Lil Karabinier li tfacca fuq it-terrazzin ta' l-ghassa:)

Dix-xitan ta' mara li ghandi, ma toqoghodx b'ilsiena.

(Lir-rahhal li jinsab taht it-tinda:)

Pep, ersaq ftit l-hawn.

(Peppi iqum u jibqa' sejjer maz-zija Brasi lejn ir-remissa)

Santuzza: (Fuq il-bieb tad-dverna) Sinjura, Nunzja!...

Nunzja : (Tidfacca fuq il-bieb) X'gara, Santuzza?

(Il-Karabinier jidhol)

Santuzza: Tinkwietax ruhek... jiena dal-waqt immur... Irrid naf biss, jekk ibnek Turiddu hux qieghed hawn.

Nunzia : Hawn ukoll tigi tfittxu lil Turiddu? Le, m'hux qieghed hawn.

Santuzza: Alla tal hniena!...

Nunzia : Santuzza, nitolbok li ma tinkwetanix... jekk ghamilt xi tahwida, gawdiha wahdek...

Santuzza: (Twarrab il-maktur minn fuq wicca) Iva, jiena zbaljajt.. nitolbok li ma ccanfarnix... Ghamel bhal ma ghamel Gesù mal Maddalena... Ghidli fejn jinsab ibnek Turiddu... Ikollok hniena... ghidli fejn hu.

Nunzia : Mar igib l-imbid minn Francofonte.

(Zija Filomena tidfacca fuq il-bieb tad-dar taghha, b'idejha fuq genbejha)

Santuzza: Le!... Salbierah, Turiddu kien ghadu hawn... Fis-satejn ta' bil-lejl rawh ftit il-bpghod minn hawnhekk.

Nunzia : Int trid tghidli xi haga serja;;. ghaddi, ghaddi gewwa.

Santuzza: Le!... jiena ma nistax nidhol fid-dar tighek.

Zio Brasi (Mill-bieb ta~~d-darxtighu~~ remissa) Zia Filomena... Tinsiex, il-lum, l-Ghid Imqaddes... minn ghandu x'ighid ghandu jinsa u jahfer... isaw, ejjew ninsew ahna ukoll.

Filomena: Iskot, ja carlatan.

(Ziju Brasi jerga' jidhol fir-remissa)

Nunzja : (Lil Santuzza) Tkellem... Ghidli xi gralu Turiddu.

Santuzza: Tghajjatx!... Ikollok hniena....

Pippuzza: (Li tidher riesqa minn fuq il-lemin, b'qoffa bajd f'ida) Trid bajd, il-lum, sinjura Nunzja?

Nunzja : Jekk ittini tlieta gos-soldi, niehu... ghad baqaghli tal-bierah.

Pippuzza: Eh, sinjura Nunzja, b'dak il-prezz, nieklu jien u t-tfal.. u nkun ghaddejt l-Ghid kif jixraq.

(Waqt li tkun sejra)

Brasi : Jaqaw ma mortx tqerr, sinjura Nunzja?

Nunzia : Hallina minnkhom... mela ghaliex l-Ghid, il-bajd, sold il-wahda? (Lil Pippuzza) B'dak il-prezz, niehu tuzzana u trid ittini wahda zejda... Isa, isa, hu dal ftit soldi u qeghedhomli hemm fuq il-mejda ma' l-ohrajn... Ara tkisser...

Brasi : Isma, isma, h-hawn, Pippuzza.... Ejja naghmlu negozju jien u int... imxi, imxi sad-dar mighi....

( Jaqbada minn ida u johodha mighu fit-triq li taghti ghax-xellug)

Nunzia : (Lil Santuzza) Tkellem!... Ghidli xtaf fuq ibni, Turiddu

Santuzza: Ma naf xejn...

Nunzia : Int taf kollox... Ghidli fejn ghaddieh il-lejl li ghadda.. Turiddu ma gie id-dar.

Santuzza: (Waqt li tibki u titfa wicca fil-maktur ta' rasha) Dak li naf, jinsab hawn, midfun f'qalbi.

Nunzia : Allura sewwa ghedtlek li taf fejn kien Turiddu.

Alfio : (Li jidfacca mit-triq tal-lemin, bi flixkun ta' l-imbid f'idu) Sinjura Nunzja, baqaghlek xi ftit imbid minn dak li tajtni l-ahhar?

Nunzia : Halli mmur nara... Il-lejla jkolli sgur... Turiddu mar igib minn Francofonte.

Alfio : Turiddu ghadu hawn... Dalghodu ltqajt mighu... Ghidli, m'ghandux f'rasu beritta hamra ta' Bersalier?

( Camilla tidfacca mill-gdid fuq it-terrazzin)

Santuzza: (Waqt li tiehu l-flixkun minn idejn Alfio u tnewwlu lil Nunzia) Mur ara baqax xi ftit.

(Nunzia tirtira mill-gdid fid-dverna)

Camilla : X'minnek, kompar Alfio? Jaqaw gejt tghaddi l-Ghid mal-mara?

Alfio : Iva, ghall-inqas, il-festi l-kbar nghadduhom flimkien.

Camilla : Xieraq, xieraq.... M'hux sewwa lis-sinjura Lola toqoghod wahida fil-festi.

Filomena: (Mill-bieb, bix-xalla fuq drieghha, lil Camilla) Int, m'inthix gejja l-quddies?

Camilla : Gejja, gejja!..

Filomena: (Lil Brasi) Int ser tibqa' hemm?

Brasi : Gej, gej... Oh!... Ara kompar Alfio.... xtaqt favur minn ghandek.

Alfio : ~~Xtaqtek twassalni sa' Militello~~. Jekk nista' naqdik.

Brasi : Xtaqtek twassalni sa' Militello.

Alfio : Jekk tistenna sa'ghada, iva, ziju Brasi... Il-lum, nghidlek issew, gejt biex nghaddi l-Ghid mal-mara tighi.

Filomena: Eh!... Il-Qawl jghid: "Il-Karnival ghaddieh ma' min trid-L-Ghid u l-Milied ghaddieh ma' niesek"

Camilla : (Lil Alfio) U l-mara tighek ma' tghid xejn li tarak biss fil-Ghid u fil-Milied?

Alfio : Bejna u bejn ruhha, ma nafx nghidlek xi tghid... Il-mestier tighi, hekk jitlob minni... Il-kurrier, irid jew ma jridx, jkollu jivvjagga minn banda ghall-ohra bla mistrieh.

Nunzia : (Terga' l-ura bil-flixkun f'ida) Tajtek daqxejn imbid li qatt ma doqt bhalu... la tixorbu kellimni.

Alfio : X'ghandi ntik, sinjura Nunzja?

Nunzja : Tmintax il-sold.

Filomena : Li toqoghod il-boghod mid-dar, ma tantx hi haga li tghodd ghalik, specjalment int, li ghandek il-mara zaghzugha.

Alfio : Il-mara tighi taf x'insarraf jien, zija Filomena... Hawn...(juriha hziemu) ghandi dejjem xi haga lesta ghal dawk li jittantaw jidhqu bija.... Le, le, zija Filomena, l-interessi tighi tighi, nah Inharishom tajjeb u m'ghandi bzonn l-ghajnuna ta' hadd... Dan, jafu kullhadd ghal grazzja t'Alla.

(Il-Quddies tinstama' iddoqq ghat-tieni darba)

Filomena: : (Waqt li trodd is-salib) taghlaq il-bieb bil-muftieh, tixhet il-maktur fuq rasha u terhila lejn il-knisja)

Gejja, Camilla?

Camilla : Iva, gejja, stennieni. (Tidhol minn fuq it-terrazzin)

Filomena : (Lil Alfio) Kieku tmur tghid lil mara tighek li l-quddiesa qed iddoqq, m'hux ahjar?

Alfio : Sejjer, sejjer, jiena nisrani bhalek.

Nunzja : Tmintax il-sold.

Alfio : Hekku. (Itieha l-flus)

Camilla : (Waqt li tmur mit-triq ta' fuq ix-xellug biex taghti il-muftieh lil zewga) Hawn il-muftieh, naturalment, int bhas-soltu, tigi wara li tispicca l-quddiesa.

(Titlaq lejn il-knisja maz-zija Filomena. Ziju Brasi mill gdid jidhol fir remissa. Mit-triq l-ohra, jidhru xi nies qed jittraversaw il-pjazza biex jidhlu l-knisja.)

Alfio : (Lil Nunzja) Nittama li bil-flus li tajtek, ingiblek risq tajjeb.

(Idur biex jitlaq)

Nunzja : Kompar Alfio, tista' tghidli fejn rajtu lil ibni Turiddu?

Santuzza : (Waqt li tigbdila d-dublett, b'lehen baxx) Ahjar ma tghidlu xejn... isma minni.

Alfio : Iltqajt mighu kif wasalt iddar... rajtu ghaddej jigri... nahseb li kien mghaggel, ghaliex anqas intebah bija... Jekk narah, tridni nghidlu xi haga?

Nunzja : Le, le... m'hemmx ghalfejn.

(Alfio johrog. Nunzja tkompli tghid lil Santuzza)

Ghidli, ghalfejn ghedtli biex ma nghid xejn?

(Santuzza tbaxxi rasha u ma twigibx)

Nunzja : Tista' tghidli x'int tahseb?

Santuzza: (Waqt li titfa wicca fil-fardal u tinfexx tibki) Oh!... Sinjura Nunzja!....

Nunzja : Jaqaw? Mas-sijjura Lola?

Nunzja : X'sejra naghmel issa li Turiddu abbandunani?

Nunzja : Imsejkna jien!... X'ahbar gibtli dalghodu!.... Imma, ma jistax jkun... Int bilfors li hadt xi zball... Iva, anke Kompar Alfio ha zball.... Hemm hafna zaghzagh, li jilbsu ta' bersalieri bhal ibni.

Santuzza: Le!... Kompar Alfio ma ha ebda zball... Turiddu kien u hadd hliefu.

Nunzja : U dan, int, kif tista' tghidu?

Santuzza: Nista' nghidu ghaliex f'dik il-lejla, qabel telaq biex mar suldat, kien dam hafna jitkellem mas-sinjura Lola.

Nunzja : Iva, niftakar, imma mbaghad meta rega' l-ura, sabgha mizzewwga lil Alfio... Turiddu, issa, insieha.

Santuzza: Imma hi ma nsietux!

Nunzja : Kif tafu, dan, int?

Santuzza: Nafu ghaliex kull mita Lola kienet tara lil Turiddu ghaddej minn quddiem il-bieb tighi, kienet tohrog fit-tieqa... Kinet issellimlu... kienet tidhaqlu... tipprova tkellmu... B'widnejja stess, smajtha tghidlu: "Turiddu, ghalfejn qed tigi f'dawn l-inhawi? Ma kienitx volontà t'Alla li ahna nkunu ta' xulxin... Issa, li ninsab mizzewga, nitolbok... hallini fil-paci;" Turiddu, ma qatax jiesu... huwa kien jigi jkanta taht it-tieqa tighi biex jinkiha... Le, le... l-ewwel imhabba ma tintesa qatt... Ghal versi sbieh li kien ikantali, jien ntlieft warajh... habbejtu b'imhabba tal-genn... Dawk il-versi ghadhom jidwu f'widnejja: "Iftahli, Santuzza, jekk tassew thobbni"

Nunzja : U int, x'kont twiegbu?

Santuzza: "Kompar Turiddu, kif nista' naghmlu dan? Ahlifli li tassew thobbni;" Huwa halifli... imbaghad wara, bhal ma taf int, dik il-mishuta ta' mara bdiet tghir ghalija... Iva... Lola halfet li tisraquli... Huwa beda jibdilni u

: meta urejtu li jiena naf kollox, huwa cahad... cahad ghax beda jisthi minni... m'hux ghax ihobbni, le... Ghal Turiddu, jien ma nfisser xejn izjed u issa li ninsab f'dan l-istat... x'wahdadin, jekk ikunu jafu huti... Kont immut kuntenta kieku kont naf li Turiddu ma jhobbx lil Lola... Ilbierah filghaxija gie biex itini l-Addio ghaliex qal li kien sejjer fuq bicca xoghol... Wiccu kien jixhed it-tjubija... Imma kif, il-bniedem jista' jqarraq b'dan il-mod? Wara ftit, wahda mill-girien, qaltli li rat lil kompar Turiddu fejn il-bieb ta' Lola.

Nunzja : (Waqt li trodd is-salib) X'wahdadin... Gurnata tant ghaziza u gejt tghidli dan kollu.

Santuzza: Ghal dak li sofrejt, il-gurnata tal-lum ma ninsieha qatt.

Nunzja : Isma minni, Santuzza.... Mur inxtehet gharkuptejk quddiem il-Krucifiss u jtolbu mahfra.

Santuzza: Le!... Il-Knisja, m'ghandhix wicc immur.

Nunzja : (Ittalla' l-maktur fuq rasha) Ghamel kif joghogbok; jiena sejra, m'irridx nitlef il-funzjoni.

Santuzza: Mur, mur... Il-hanut, nohodlok hsiebu jien... Ghalkemm jiena hazina hafna, m'inhix sejra nisirqek.

Nunzja : Imma, x'ser toqoghod taghmel?

Santuzza: Ma nafx... Noqoghod nistennieh hawn... (Waqt li tressaq il-banketta mal-bieb) Qisni xi tallaba.

Nunzja : Le, le... m'irridekx toqoghod hawn...

Santuzza: Nitolbok, sinjura Nunzja... kun qalbek tajba...

Nunzja : Imma....

Santuzza: Ikollok hniena... hallini noqoghod hawn... Irrid inkellem lil Turiddu ghall-ahhar darba.

Nunzja : (Waqt li thares lejn is-sema u tibda mizja lejn il-Knisja) Sinjur, tkun maghmula l-volontà tighek.

Brasi : (Waqt li johrog jigri mir-remissa) Stennieni... stennieni sinjura Nunzja... Ahna tal-hwienet, dejjem l-ahhar nies.

(Nunzja tohrog. Ziju Brasi lil Santuzza)

Kif? M'inthix gejja ghal funzjoni ta' l-Ghid? Tridx noqoghodu nghidu r-rusarju flimkien?

Santuzza: Hallini... Hallini kwieta.

Brasi : Ma tibzax li....

Santuzza: Ghedtlek hallini... Hallini wahdi.

Pippuzza: (Mit-triq ta' fuq ix-xellug, affannata) Tghid nilhaqa, il-funzjoni, ziju Brasi?

Brasi : Jekk tigri, tilhaqa.

(Pippuzza tohrog. Ziju Brasi lil Santuzza)

Brasi : Kos, qed nghid lilhek biex tmur il-Knisja... jien naghmel bhal dak li idoqq il-qniepen, insejjah innies ghal knisja u jien nibqa' barra.

(Ihares lejn it-triq, fuq il-lemin)

Eh!... Ghalhekk tridni nhallik wahdhek... Ma kontx naf, Santuzza.... Tajjeb... jien sejjer il-knisja ukoll...

(Jitlaq lejn il-Knisja)

II. Xena.

(Turiddu Macca jidhol jghaggel minn fuq il-lemin. Santuzza kif tilmhu tqum bilwieqfa)

Turiddu : Santuzza!.... X'int taghmel, hawn?

Santuzza: Qed nistenniek.

Turiddu : Fejn marret ommi?

Santuzza: Marret il-knisja.

Turiddu : Allura mur int ukoll... hawn, noqoghod jien.

Santuzza: Le!... M'irridx mmur knisja.

Turiddu : Insejt li l-lum l-Ghid?

Santuzza: Int taf li jien ma nistax immur knisja.

Turiddu : Allura, xi trid?

Santuzza: Irrid inkellmek.

Turiddu : Hawn? F'nofs it-triq?

Santuzza: Iva, hawn...

Turiddu : Ghidli xi trid... Ghidli xi gralhek?

Santuzza: Ghidli fejn kont... Ghidli mnejn int gej...

Turiddu : X'ifisser dan, Santuzza?

Santuzza: Fejn ghaddejtu l-lejl li ghadda?

Turiddu : (Irrabjat) Ah!... Tridni nghidlek fejn kont?

Santuzza: Iva!.... Ghaliex qed tirrabja? Ma tistax tghidli?

Turiddu : Iva, nista'.... Kont Francoforte.

Santuzza: M'hux tassew.... Ilbierah sas-satejn ta' filghodu kont ghadek hawn.

Turiddu : Allura kont fejn riedt u fejn ghogobni.

Santuzza: (Waqt li thalli l-maktur jaqaghlha fuq spallejha) Kompar Turiddu... Ghaliex qed tittratta mighi b'dan il-mod? M'inthix tara li qegheda nsofri?

Turiddu: Htija tighek... htija tas-suspetti li dahhalt f'mohhok.... Bil-blugha tighek, qed tavvelini ma kullhadd... Int qegheda ghassa tighi daqskemm kieku kont tifel ckejken.... Tahse li jien m'ghadnix sid tighi n-nifsi?

Santuzza: Jien ma mortx nistaqsi ghalik... Jien smajthom jghidu ftit ilu... Qalu li mas-sebh rawk hiereg minn ghand Lola...

Turiduu: U min qalu dan? Ghidli!.. Wigibni!...

Santuzza: Qaluli Kompar Alfio stess... ir-ragel taghha...

Turiddu : Alfio!... Ah!... Din hija l-imhabba li thobbni? Mort tnassasni ma' kompar Alfio... Int qed tilghab hajti....

Santuzza: (Waqt li taqa' gharkuptejha quddiemu, b'idejha mqabbdin f'xulxin) Ah!... kompar Turiddu, kif tista' tahsbu, dan?

Turiddu: Qum minn hemm... Naf li taf tirrecta tajjeb... Santuzza, jekk ma tqumx minn hemm, nitlaq....

Santuzza: Titlaq? Tabbandunani wara .... ghandek il-kuragg li thallini?

Turiddu : Ghalfejn nibqghu niltaqghu la darba m'ghadx ghandhek fiducja fija? La darba int ma temminnix? Int lesta temmen dak li jghidlek haddiehor.. Nerga' nghidlek... m'hux veru... Kompar Alfio ra hazin... Jien mort naqdi l-affarijiet tighi... U tippretendi li thobbni... Taqla dawn l-qlajjiet kollha meta fir-rahal hawn zewga... Ma tintebahx li dan genn tighek?

Santuzza: Kompar Alfio, dalghodu wasal ir-rahal.

Turiddu : Ah!... Taf anke meta wasal... Brava!... Tassew spija famuza... Nista' nghid li tlift il-libertà tighi....

Santuzza: Le!... Int sid tighek in-nifshek... Jiena lesta inhallik taghmel bija dak li trid.. Lesta nhallik taqtaghli grizmejja bhal haruf... imma lis-Sinjura Lola, le... Lil dik ma nhallihiex taghmel bija li trid... Lola trid titlifli ruhi.

Turiddu : Ghalfejn qed issemmi lil Lola... dik qeghda f'darha ghall-affari taghha.

Santuzza: Allura lili, ghaliex ma thallinix kwieta? Ghaliex, lilek, trid tisirqek minn hdani? Jien li m'ghandi lil hadd izjed?

Turiddu : Attenta x'inti tghid...

Santuzza: Naf x'jien nghid... Forsi ma kontx tmur izzurha ta' sikwiet qabel ma haduk suldat?

Turiddu : Dak kien fl-imghoddi... Il-lum, is-sinjura Lola tinsab mizzewga u migbura f'darha.

Santuzza: Int ghadek thobba, alavolja tinsab mizzewga... B'inkejja tighi, hija trid tbeghedek minni... (Tibki) Meta / niftakar...

: l-int qieghed tidhaq bija, nhossni nintilef minn sensija... Inhossni ghajjura... insir mignuna...

Turiddu:: Iskot!... Tkomplix, Santuzza:...

Santuzza: Le!... Jien ma nistax niskot... Qalbi mfawra bin-niket... Ghidli x'sejra naghmel jekk int tabbandunani...

Turiddu : Jekk int ma tissuktax f'din l-ghira, jien ma nabbandunakx... Irridek tiftakar haga wahda... Jien irrid inkun sid tighi n-nifsi... m'irridx li nkun qisni tifel... sal-lum, dejjem ghamilt dak li fettilli....

Santuzza: Xi trid tfisser b'dan?

Turiddu : Irrid infisser li b'din l-ghira tighek, int qed titlef sensik.

Santuzza: U xi htija ghandhi ta' dan? Qieghed tara fiex wasslitni l-blugha tighek? Lola hija sinjura izjed minni, dan jien nafu... Ma' ghonqa u dirghajha, ghandha hafna deheb... Ir-ragel taghha ma jhalliha nieqsa minn xejn... Alfio jaduraha....

Turiddu : Santuzza, m'irridx l-int ssemmi nies... Lil Lola halliha bi kwieta.

Santuzza: Jaqaw qed noffendik? Qed tiddefendiha?

Turiddu : Sikket ilsienek... M'inhix niddefendiha... Jekk zewga jaduraha, m'hix affari tighi... Taf x'jimpurtani? Jimpurtani li m'irridx inkun issikkat... dan, ma nippermettieh qatt.

III. Xena.

(Lola tidfacca mit-triq ta' fuq il-lemin)

Lola : Oh!... Kompar Turiddu!... Rajtu xejn lil Alfio, l-knisja?

Turiddu : Le, Sinjura Lola... Ghadni kemm wasalt issa....

Lola : Qabli li kellu jaqdi xi qadja u jigi jiltaqa' mighi l-knisja... U inthom? Minn hawn barra sejrin tisimghuha l-quddiesa ta' l-Ghid?

Turiddu : Dil-qaddisa kienet qed tghidli....

Santuzza: Kont qegheda nghidlu li l-lum hija festa kbira... Li s-Sinjur mis-Sema jara u jisma kollox.

Lola : Allura int, m'inthix sejra l-knisja?

Santuzza: Il-Knisja jmorru dawk li ghandhom il-kuxjenza safja, sinjura Lola.

Lola : (Waqt li b'ida dbus l-art) Ghal grazzja t'Alla l-kuxjenza tighi safja.

Santuzza: Allura ghandhek ghax tizzi hajr l-Alla, sinjura Lola... Jghidu li x'imdaqqiet, m'hux kull fejn jimxu r-riglejn jidpaxxew l-ghajnejn....

Turiddu : Imxi nwasslhek sal-knisja, Sinjura Lola... Hawn m'ghandix ghalfejn noqoghod izjed.

Lola : M4hemmx ghalfejn, Kompar Turiddu... It-triq nafa tajjeb.

Turiddu : Hawn, m'ghandix x'naghmel u ghalhekk....

Santuzza: (Waqt li tahtfu mill-gakketta) Le!... Jien u int, ghad baqaghlna x'inghidu.

Lola : (B'dahqa inkrepattiva) Nawguralek, Turiddu.

(Tibqa' sejra lejn il-Knisja)

IV. Xena.

Turiddu - Santuzza.

Turiddu : (Inkurlat) Qegheda tara x'ghamilt?

Santuzza: (Fgata bil-biki u l-korla) Iva, naf x'ghamilt!....

Turiddu : (Dejjem izjed inkurlat) Allura dan, apposta ghamiltu?

Santuzza: Iva, apposta....

Turiddu : Mara vili!....

Santuzza: Oqtolni... oqtolni jekk jidhirlek xi haga...

Turiddu : Apposta!... Ghamiltu apposta!...

Santuzza: Oqtolni ghedtlek... Ghalija, hajja jew mejta xorta wahda.

Turiddu : Le... Jien ma ncappas idejja b'demmhek.

(Waqt li jkun sejjer)

Santuzza: Ser thallini?

Turiddu : Iva, ghal dejjem... Ma gixraqlhekx ahjar.

(Tinstama' iddoqq il-qampiena waqt l-Elevazzjoni tal-Quddiesa)

Santuzza: Turiddu!... Thallinix;.. nitolbok... Isma l-qampiena.. Din tfakkrek....

Turiddu : Le!... Ma rridx narak izjed... M'inhix ser inhallik tmexxini minn imniehri....

Santuzza: Turiddu, ghalik lesta noqoghod ghal kollox, imma ghal Lola... le... qatt!....

Turiddu : Nispiccawha... Sejjer.. jekk nibqa' hawn, int ma tieqafx.

Santuzza: Fejn sejjer?

Turiddu : Fejn joghogobni... Sejjer ghal quddies...

Santuzza: Int sejjer biex terga' tara lil Lola.... Sejjer biex

: turiha li hallejtni... li ma jimpurtakx minni....

Turiddu : Int mignuna.

Santuzza: Tmurx Turiddu... nitolbok... Tmurx il-Knisja biex tidneb izjed... Turiddu.. tiksirnix quddiem dik il-mara.

Turiddu : Dan int qed taghmlu... B'ghemilhek, qegheda turi lil kullhadd li jien m'inhix sid tighi n-nifsi... Int trid tikkalpestani.. trid taghmilni t-tifel tighek.

Santuzza: Int qed toqtolni bil-ghali...

Turiddu : Int mignuna, ghedtlek.

Santuzza: Iva, veru... Jiena mignuna... Turiddu, ikollok hniena.... eqred minni s-suspett li ghandhi fuqek...

Turiddu : (waqt li jipprova jehles minnha) Nehilsuha, ghedtlek... Hallini mmur.

Santuzza: Turiddu!... F'gieh Alla... tabbandunanix ghal Lola...

(Turiddu irrabjat jibqa hiereg mghaggel)

(Iddisprata) Ah!... Dal-Ghid, int ma tippiccahx b'wicc il-gid.

V. Xena.

(Alfio jidher gej mghaggel mit-triq ta' fuq il-lemin. Santuzza, bhall-issa, tinsab f'nofs ix-xena)

Santuzza: Gejt fil-hin, Kompar Alfio.

Alfio : Dawret il-quddiesa, Santuzza?

Santuzza: Wasalt tard... Il-mara tighek qegheda tisma l-quddiesa ghalik... ma' kompar Turiddu.

Alfio : X'igiferi? Xi trid tghid b'dan?

Santuzza: Irrid nghid li marthek marret il-Knisja kollha deheb.... qisha l-Madonna ta' fuq l-Artal... Lola tassew qed taghmillek unur.

Alfio : Imma int, x'jimpurtak minn dan?

Santuzza: Jimpurtani, ghaliex waqt li lilek narak tiggerra, tahdem u tisghar biex tghin id-dar, il-mara tighek qegheda ... tibdlek.

Alfio : X'ghedtli??

Santuzza: Ghedtlek li fil-waqt l-int tkun barra, fix-xita u fir-rieh biex taqla l-ghixien taghkhom... Lola thobb lil haddiehor.

Alfio : Maria Santissima!.... Santuzza... jekk int fis-sakra.... ~~xxxxxx~~ nitolbok, mur orqod...

Santuzza: M'inhix fis-sakra, Kompar Alfio... Naf tajjeb x'jiena nghid.

Alfio : Ifhimni, Santuzza!... Jekk dak li ghedtli huwa minnu, allura nirringrazzjak... nibqa' nafhulhek daqskemm kieku ghedtli li ommi qamet mill-qbar, imma jekk ghedtli kelma b'ohra ... nahliflhek fuq il-mejtin tighi li ma nhallilhekx ghajnejn biex tibki....

Santuzza: Jien ma nistax nibki izjed.. Ghajnejja ma bkewx anqas meta Turiddu seraqli giehi... meta bidilni ma' Lola, il-mara tighek.

Alfio : Tajjeb!... Jiena nirringrazzjak.

Santuzza: M'ghandekx tirringrazzjani... Le... Jiena xbejba xellerata.

Alfio : Xellerata m'hux int, imma dawk li nifdu lil qalbek u lil qalbi... (Juriha s-sikkina) B'din is-sikkina... Santuzza, jekk tara lil mara tighi qegheda tfittixni, ghidilha li mort id-dar biex ingib rigal ghal habib taghha Turiddu.

(Jibqa' hiereg mghaggel minn fuq il-lemin. Inniss jibdew gejjin mill-knisja u jibdew jixterdu lejn ix-xellug u lejn il-lemin. Turiddu, Lola, Camilla, Nunzja u zija Filomena, jghaddu bla ma jaghtu kas ta' Santuzza li bhall-issa tinsab wieqfa faccata tat-triq li taghti ghal-lemin. Santuzza issa tidher imgezwra f'xalla. Ziju Brasi biss li ghadu kemm dfacca jintebah biha.)

Brasi : Qaddisa tas-sema... issa sejra l-knisja meta ma baqa' hadd?

Santuzza: Ghalija m'hemmx ~~ghalfejn~~ knisja... Jiena ninsab fid-dnub.

(Tibqa' sejra lejn il-knisja)

(Ziju Brasi jerga' jidhol fir-remissa. Camilla tidhol id-dar taghha. Zija Filomena d-dahhal il-muftieh fil-bieb. Nunzia tidhol fil-hanut biex tnehhi minn fuqha l-mantellina.)

Turiddu : (Lil Lola li tkun sejra lejn id-dar) Sinjura Lola, jaqaw ma tridx kliem dalghodu?

Lola : Nghidlek is-sew, daqxejn mghaggla... Il-Knisja kellhi niltaqa' ma' Alfio u billi ma rajtux, inhossni ftit inkwieta.

Turiddu : M'ghandekx ghax tinkwieta ruhek... Alfio dal-waqt tarah hawn... Il-lum, il-Ghid... is-soltu ningabru f'dil-pjazza biex flimkien nixorbu bis-sahha ta' xulxin... Camilla!... Zija Filomena!!... Imxu maghna nixorbu flimkien.

Filomena: Nigi iva.... Aranai gejja.

(Tidhol id-dar, tqieghed ix-xalla i terga' tohrog minnufieh)

Lola : Nirringrazzjak, kompar Turiddu, bhal dal-hin, ma nixribx.

Turiddu : Nitolbok tikkuntentani... Jekk ma tigix, nghid li int miggilda mighi.

Lola : U ghaliex ghandhi nkun miggielda mighek?

Turiddu : Dak li kont qed nghid f'qalbi... X'ghamiltlek biex ma tridx tixrob mighi? Wara kollox, il-lum, huwa jum il-Ghid... Jekk ghandna x'inghidu, ghandna ninsew u nahfru... Jien ser nibghat ghal Alfio biex huwa wkoll jixrob maghna.

Brasi : (Waqt li javvicina) Nifirhu!... Nixorbu lkoll!... Nixxalaw!....

Camilla : Eh!.... F'okkazjonijiet bhal dawn, m'hemmx dubju li massibekx fin-nofs...

(Titwi x-xalla u tqegheda fuq dirghajha)

Turiddu : (B'lehn gholi, lil ommu li qegheda fil-hanut) Ghaziza ommi!.... Baqaghlek xi ftit imbid mit-tajjeb?

Nunzja : (B'kuljunata) Iva, minn dak li kellek iggib il-lum, minn Francofonte.

Turiddu : Ejja, ejja... anke int bil-buli? Il-lum hija l-festa ta' l-Ghid u ghalhekk ghandna nkunu ferhana... Aktar tard, jien nispiegalek kollox. Imxi maghna, il-hbieb qeghdin jistennewna.

Filomena: U min sejjer ihallas?

Turiddu : Inhallas jien... Jien, bi flusi....

(Nunzia tidhol gewwa)

Brasi : E h!... Min ghandu l-bzar ha jroxxu.

Lola : (Lil Turiddu) Eh... Minjaf kemm ghamilthom dax-xalati meta kont suldat, il-boghod minn hawn? Minjaf kemm nisa kellimt?....

Turiddu : Nisa? Le, le... Mohhi dejjem hawn kein... f'dan ir-rahal.

Camilla : Mur emmnek.

Turiddu : Intik il-kelma tighi, komar Camilla... Jien m'inhix minn dawk li jaghmlu bhal qawl li jghid: " Il-boghod mill-ghajn, il-boghod mill-qalb"

Lola : Inthom l-irgiel tghidu hafna xorti, imma min sejjer jemminkhom?

Turiddu : In-nisa trid tghid... Dawn, l-ewwel, jaghmlu hafna promessi, imbaghad, meta r-ragel ghal xi raguni jkollu jidbieghed, waqt li dan, minjaf x'ikun isofri, meta jega' :-ura, hbiebu jghidulu... "Taf xejn lit-talija z-zewgett?

Filomena: Eh!... Iz-zwieg gie mahluq mis-sSema.

Lola : U int, emmint ~~xex~~ li dawn ikunu mehhom fik meta jkunu il-boghod minn pajjishom? Le, le... ibqa' sgura li l-irgiel iserhu qalbhom ma' l-ewwel xbejba li jsibu.

Turiddu : Ahfirli;;.. imma....

Nunzia : (Terga' l-ura bi kwarta imbid u tazza) Minn dan biss baqa'... kollha htija tighek, Turiddu.

Camilla : Basta imbid... Ixorbu l-ahwa... Allegri... Bis-sahha ta' xulxin.

Brasi : Turiddu, jien ser nixrob ghalik, kif weghedtni, tajjeb?

Turiddu : Dak li weghedt naghmlu... Int, ghaziza ommi, m'inthix ser tixrob?

Nunzia : Le... m'irridx imbid bhall-issa.

(Terga' tidhol id-dar, tgerger)

Turiddu : Il-lum, bil-buli... Eh!... Dawn l-imberkin xjuh... ma jarawx xaghmlu f'zoghzithom... Sinjura Lola, Nixrob bis-sahha tighek... Komar Camilla... Ziju Brasi... Ixorbu! Ifirhu.. Il-lum, m'hemmx buli... m'hemmx dwejjaq!....

VIII. Xena;

(Alfio jidhol minn fuq il-lemin. Turiddu, Brasi, Lola, Camilla u Zia Filomena)

Turiddu : Kompar Alfio... Ersaq l-hawn halli tiehu qatra maghna. Ejja/ nixorbu bis-sahha ta' xulxin... (Inewwillu t-tazza)

Alfio : (Iwarrablu t-tazza b'idu) Nirringrazzjak, kompar Turiddu... Ma nixrobx mighek.

Turiddu : Ghamel kif joghgbok...

(Jitfa' l-imbid ma' l-art u iqieghed it-tazza fuq il-bank. Ghal ftit sekondi jibqghu iharsu lejn xu/lxin)

Brasi : (Ghaltaparsi xi hadd sejjahlu mir-remissa) Gej! Gej!

Turiddu : Trid tghidli xi haga, kompar Alfio?

Alfio : Dak l-irrid nghidlek, tafu tajjeb.

Turiddu : Jiena ninsab quddiemek ghall-ordni tighek.

(Ziju Brasi mill-bieb tar-remissa jaghmel sinjal lil mara tighu biex tmur lejn id-dar. Camilla titlaq)

Lola : X'ifisser, dan?

Alfio : (Bla ma jaghti kaz tal-mara tighu u waqt li itieha daqqa b'mingbu) Jekk tigi mighi hemm barra, inkunu nistghu nitkellmu ahjar.

Turiddu : Tajjeb!... Tista' tmur tistennieni f'tarf ir-rahal... Kemm immur sad-dar, ngib dak li ghandi bzonn.

Alfio : Nittama li mad-dumx.

Turiddu : Tibzax... dal-waqt inkun mighek.

( Ihaddnu lil xulxin. Turiddu jigdem hafif lil Alfio f'widintu)

Alfio : Nittama li ma tonqosx minn kelmtek.

(Jitlaq irrabjat)

Lola : Vergni Maria!... ~~Fejn sejjer kompar Alfio?~~
Fejn sejjer, kompar Alfio?

Alfio : Sejjer hawn fil-qrib.... Ghalfejn qed thabbel rashek? Ghalik ikun ahjar jekk ma nergax l-ura.

Filomena: (Waqt li tidbieghed bezghana) GesùMaria!....

Turiddu : Kompar Alfio!... F'dak li gara, naf li ghandi htija.... Kont inhallik tnehhili hajti bla ma nghid kelma wahda li ma kienx ghal Santuzza.... Lil din, il-kuxjenza ma thallinix nabbandunaha... Kont jien li tfajta fin-niket li tinsab fieh u ghalhekk jkolli nissielet mighek... ikolli jnehhilek hajtek biex lil dik l-imsejkna ma nhallihiex fid-dinja wahidha.

Alfio : Tajjeb!... Int ghamel hiltek bhal ma sejjer naghmel jien.

(Johrog jghaggel minn fuq il-lemin)

VIII. Xena.

Turiddu - Lola.

Lola : Turiddu!.... Imma allura sejjer thallini int ukoll?

Turiddu : Lola, bejni u bejnhek, m'hemm xejn izjed... Ma rajtnix nigdimlu widintu? Il-glieda taghna sejra tkun ghal mewt.... Imsejkna ommi!....

IX. Xena.

Nunzia - Turiddu - Lola.

Nunzja : (Tidfacca fuq il-bieb) X'gara? Kellimtni?

Turiddu : Iva!.... Riedt nghidlek li ghandi bzonn nidbieghed ghal ftit... Ma nistax m' immurx... Ma, tini l-muftieh tar-rixtellu halli nhaffef izjed.... Ghaziza ommi, haddanni mighek bhal dak inhar li mort suldat.... Ma, irridek dbusni bhallikieku m'inhix sejjer nerga' l-ura izjed....

Nunzia : Imma x'inti tghid, ibni?

Turiddu : Ghandhek ragun... jiena ma nafx x'jiena nghid... l-inbid li xribt telghali f'rasi... Ser naghmel zewg passi forsi jghaddili.... Mà... Jekk qatt..... Lil Santuzza irridek

: tiehu hsiebha... Fid-dinja, ma baqaghlha lil hadd...

(Mghaggel jidhol id-dar)

X. Xena.

(Nunzja bhall-issa tidher qisha miblugha. Lola inkwieta. Camilla tissindika mill-kantuniera. Zija Filomena fuq l-ghadba tad-dar taghha. Zio Brasi fil-bieb tar-remissa)

Nunzia : Ghadni ma nista' nifhem xejn... X'ifisser dan kollu?

Brasi : (Jersaq lejn Lola, nkwiet) Sinjura Lola... isma minni... mur lejn id-dar.

Lola : (Imhawda u bezghana) Ghaliex ghandi mmur 'd-dar?

Brasi : Jiena nghidlek li ahjar twarrab minn hawn... F'dil-pjazza m'hux qaghdek bhall-issa... Jekk tridni nwasslhek.. Int,Camilla, ibqa' hawn ma' Komare Nunzia... jekk qatt...

Filomena: (Tersaq lejh) Gesu'Maria!....GesùMaria!....

Nunzia : (Imbikkija) Ziu Brasi... Ma tistax tghidli, ibni fejn sejjer?

Camilla : (Waqt li tersaq lejn Brasi, kwazi f'widintu) Tista' tghidli x'gara? Ghadni ma nista' nifhem xejn...

Brasi : Imbecilli!.... Ma rajtx b'ghajnejk? Ma rajtux jigdimlu widintu? Dik il-gidma tfisser: "Jew ~~jien~~ noqtlok, jew toqtolni"

Camilla : Maria Santissima!... Ikollhok hniena minnhom!....

Nunzia : (Dejjem izjed bezghana) Imma fejn mar Turiddu? Ghiduli fejn mar!.... Ghiduli x'gara!....

Lola : Gara li ser nghaddu l-Ghid hazin hafna... Sa Nunzia.. dak l-imbid li xrobna ser iservina velenu.

Pippuzza: (Waqt li tidher gejja tigri mill faccata, tghajjat:) Qatlu lil kompar Turiddu!... Qatlu lil kompar Turiddu!...

Filomena:
Lola :
Brasi :
Camilla : Qattu l-Turiddu!....

Nunzia : Maria Santissima!... Qatlu lil ibni!....

(Taqa' waranijiet, mitlufa minn sensiha)

(Zewg kara binieri jidhru jaqsmu jigru minn-naha ghall-ohra)

SIPARJU MALAJR.